# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 14

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

L-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Clayton Luke Mula – Kunsillier San Ġiljan

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina, tas-Sur Guido Dalli, tas-Sur Stephen Sultana u tas-Sur Conrad Borg Manchè u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 13 li saret nhar l-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

14.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Dominic Cassar.

## 14.3 Komunikazzjoni mill-President

14.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ta aġġornament fuq l-avveniment sportiv li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 26 t'Ottubru 2018. Huwa spjega kif aktar kmieni dakinhar kellha tinżamm laqgħa mal-qasam ta' l-Edukazzjoni però din il-laqgħa kellha tiġi posposta għal nhar l-erbgħa 10 t'Ottubru 2018. Għal din ir-raġuni aktar dettalji dwar dan ser jiġi kkomunikat fil-jiem li ġejjin permezz ta' emejl.

14.3.2 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet tal-*photographers* u spjega li għandu jintagħżel l-irħas offerta. Huwa spjega kif dan għandu jiġi nfurmat sabiex miegħu jkun hemm tliet *photographers* oħra li jiġu mħallsa bl-istess prezz ta' dik offruta mill-persuna magħżula. Spjega wkoll kif dawn ir-ritratti ser jingħataw lill-sikejjel u l-iskejjel ser jieħdu ħsieb il-printing ta' dawn ir-ritratti. Huwa fakkar li dawn ir-ritratti ser ikunu flok il-medalji peress li l-avveniment huwa ffukat fuq parteċipazzjoni u mhux kompetizzjoni.

14.3.3 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

14.3.4 Il-President informa lill-membri preżenti li nkluż fl-ispejjeż ser ikun hemm ukoll Ambulanza li ser tkun qedha fuq il-post għall-assistenza f'każ ta' bżonn. Kif ukoll ser jinxtara tagħmir sportiv biex jintuża għal dan l-avveniment kif ukoll jingħata lill-iskola biex jintuża fil-lezzjonijiet ta' l-eżerċizzju.

14.3.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 14.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

14.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

14.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 14.5 Rapporti

14.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 14.6 Vakanza – *Accounts Officer*

14.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li din il-vakanza nħarġet b'mod estern hekk kif ma kien hemm l-ebda applikant li ressaq l-interess taħt Part 2 u Part 2 mill-Jobsplus. Hu spjega kif id-data ta' l-għeluq kienet it-Tlieta 2 t'Ottubru 2018 fejn b'kollox kien hemm 27-il applikazzjoni. Għal din ir-raġuni, l-bord kompost mill-President flimkien mas-Sur Anthony Chircop u s-Sur Dominic Cassar ser isejħu l-applikanti għal intervista.

14.6.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 14.7 Kuntratti fuq il-Kiri ta' l-Uffiċċju tar-Reġjun

14.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2018, il-President u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sid ta' l-uffiċċju tat-Tribunal, is-Sur Anthony Farrugia, iltaqgħu flimkien man-nutar Dott. Dorian Sciberras sabiex jigi iffirmat l-kuntratt il-ġdid fuq il-kirja għat-tliet snin li ġejjin.

14.7.2 Il-President spjega wkoll kif fil-ġranet li ġejjin ser jiġi konkluż il-kuntratt fuq il-kirja ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun sabiex kollox ikun aġġornat. Draft tal-kuntratt ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

14.7.3 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 14.8 Sejħa għal Servizz ta' *Accountant* għar-Reġjun

14.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda kopja tad-dokument ta' din is-sejħa għall-approvazzjoni sabiex tinħareġ sejħa għal-Accountant peress li l-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent ser jiskadi f'Jannar 2019. Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, dan il-kuntratt għandu jittella fuq is-sistema ta' l-epps.

14.8.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan id-dokument.

## 14.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *E-mejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

14.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda it-talba ta' dan il-Kunsill fejn spjega li riċentament dan il-Kunsill kien applika għal fondi taħt il-Miżura 4.4 sabiex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ u talab sabiex is-somma ta' €3,577.50 jingħataw mir-Reġjun bħala *co-financing*.

14.9.2 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *Ikla tal-Milied*

14.9.3 Il-President staqsa lill-membri preżenti jekk xtaqux jissuġġerixxu postijiet sabiex tkun tista' titella l-ikla tal-Milied għal membri flimkien mal-ħaddiema tar-Reġjun.

14.9.4 Ġie deċiż li din l-ikla għandha tkun *lunch* u li fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss ser jiġu ppreżentati tliet kwotazzjonijiet.

## 14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.10.1 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, resqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 13A u 13B.

14.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 14.11 Mozzjonijiet

14.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-6:15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' Novembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |